**24 ta' Jannar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.(Hist.)S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Carmelo Busuttil

*versus*

Mary Gauci *et*

## Ritrattazzjoni minħabba Illeġittimità, Applikazzjoni Ħażina tal-Liġi, Disposizzjonijiet Kontra Xulxin - Sejbien ta' Dokument Deċiżiv u Żball Manifest

*Fis-smigħ mill-ġdid ta' kawża jinħtieġu żewġ stadji: l-ewwel li titneħħa u titħassar is-sentenza ta' qabel (*in rescindente*); wara, li jsir is-smigħ mill-ġdid (*in rescissorio*).*

*L-artikolu 811 (ċ) jippermetti ritrattazzjoni f'każ ta' illeġittimità ta' xi waħda mill-partijiet. Din l-eċċezzjoni - marbuta ma' l-inkapaċità li wieħed jaġixxi fis-sens strettament ġuridiku - hi għal kollox differenti minn dik li wħud mill-partijiet mhumiex il-leġittimi kontraditturi tar-ritrattant jew li wħud mill-atturi ma kellhomx interess ġuridiku li jintavolaw l-azzjoni.*

*Hu ormai paċifiku biex il-Qorti tiddeċidi jekk ikunx hemm jew le applikazzjoni ħażina tal-liġi għal fini ta' ritrattazzjoni ma għandhomx jerġgħu jiġu eżaminati u valutati l-fatti tal-kawża u ma jistgħux dawn jerġgħu jiġu interpretati. Hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi fit-termini ta' l-artikolu 811 (e) mhux meta jkun*

*hemm interpretazzjoni hażina tal-liġi applikabbli għall-fatti imma biss meta ma tkunx ġiet applikata l-liġi ġusta għal dawk il-fatti.*

*Is-subinċiż 811 (l) jippermetti smigħ mill-ġdid fil-każ fejn "fis-sentenza ikun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin". Din il-kontradizzjoni trid tirriżulta però fid-dispositiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, anke jekk dawn ta' l-aħħar jistgħu jkunu rilevanti biex jitfgħu dawl u jidentifikaw tali kontradizzjoni.*

*L-artikolu 811 (k) jagħti lok għal smigħ ġdid jekk wara s-sentenza "ikun instab dokument deċiżiv li l-parti li ġġibu ma kinitx taf bih, inkella li bil-mezzi li tagħti l-liġi ma setgħetx iġġibu qabel dik is-sentenza". Għalhekk mhux biżżejjed li r-ritrattant jipprova li kien fl-impossibilità li jipproduċi d-dokument; irid ukoll jissodisfa lill-Qorti li hu kien ipprova jakkwistah bil-mezzi kollha għad-disposizzjoni tiegħu.*

*Fl-aħħarnett l-artikolu 811 (l) jipprovdi għal ritrattazzjoni f'każ li s-sentenza kienet effett ta' żball li jidher mill-atti. Però dan l-iżball "jeħtieġ li jkun manifest u li jkun iddetermina d-deċiżjoni i.e. li s-sentenza vvizzjata b'dak l-iżball ma tistax tiġi sanata minn xi raġunamenti oħra indipendenti minn dik żbaljata" skond il-ġurisprudenza.*

Il-Qorti:-

Din hi petizzjoni għar-ritrattazzjoni ta' kawża deċiżiva u li għaddiet in ġudikat b'sentenza ta' din il-Qorti ta' l-4 ta' Awissu, 1992. Ir-ritrattant Carmelo Busuttil - konvenut appellat - hekk ippremetta fil-petizzjoni tiegħu:

"B'ċitazzjoni ppreżentata fit-13 ta' Marzu, 1990, quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, ppremettew li huma proprjetarji ta' l-arja sovrastanti fuq l-appartamenti

magħrufa bħala Melita Flats, numru 137, Triq it-Torri, tas-Sliema u ċjoè l-arja li tinsab fuq l-appartament numru 6 fl-imsemmi blokk ta' appartamenti, li t-titolu tagħhom għall-komunjoni tal-proprjetà ta' dina l-arja jirriżulta mill-att ta' deċiżjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Victor Bisazza tad-19 ta' Marzu, 1976, minn fejn jidher li l-istess arja ma ġietx diviża bejniethom u għalhekk baqgħet komuni tal-proprjetarji kollha; li l-konvenut xtara l-arja li llum tinsab okkupata mill-appartamenti numru 5 u 6 u bena l-istess arja li llum tinsab okkupata mill-appartamenti fuq imsemmija numru 5 u 6, Melita Flats, numru 137, Triq it-Torri, tas-Sliema; li l-konvenut beda jibni fuq l-arja sovrastanti l-appartament numru sitta (6) f'dan il-blokk ta' flats billi ppretenda li din tappartjeni lilu biss ad esklużjoni ta' l-atturi; li dan il-bini qed isir mingħajr il-permess u l-kunsens ta' l-istess atturi;

L-atturi talbu li dik l-Onorabbli Qorti (1) tiddikjara l-arja sovrastanti l-apparatament numru sitta f'dan il-blokk ta' flats magħrufa bħala Melita Flats, numru 13, Triq it-Torri, tas-Sliema, proprjetà ta' l-atturi; (2) tikkundanna għalhekk lill-konvenut ineħħi fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss ix-xogħol kollu li huwa għamel f'din l-arja; (3) tawtorizza lil-atturi sabiex fin-nuqqas jagħmlu x-xogħol huma għas-spejjeż tal-konvenut taħt id-direzzjoni ta' perit nominat minn dik il-Qorti għal dan l-iskop - Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni tat-8 ta' Marzu, 1990 u bl-ingunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni";

"Il-konvenut eċċepixxa li (1) it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-atturi m'għandhom l-ebda kwota jew sehem mill-arja sovrastanti l-appartament numru sitta (6) fil-korp ta' appartamenti msemmija, kif sejjer jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni; (2) meta l-eċċipjenti kiseb il-beni tiegħu mingħand uħud mill-atturi, dan kien kiseb ukoll illimitatament u esklussivament l-arja li tirriżulta mill-imsemmi

appartament numru sitta (6) u (3) salvi eċċezzjonijiet oħra";

"B'sentenza mogħtija fit-3 ta' Settembru, 1990, il-Qorti tal-Kummerċ qatgħet u ddeċidiet il-kawża billi, għar-raġunijiet hemm premessi, ċaħdet it-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom";

L-atturi appellaw minn dik is-sentenza u talbu r-revoka tagħha. Talbu li jiġu milqugħa t-talbiet tagħhom bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

"Din il-Qorti, b'sentenza mogħtija fl-4 ta' Awissu, 1992, iddisponiet mill-appell ta' l-atturi billi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hemm magħmula, billi: (a) ċaħditu kwantu magħmul mill-atturi Amalia mart Achille Soler, Mary mart Joseph Gauci, Agnes mart Charles Grech u mir-rispettivi żwieġhom ċjoè Achille Soler, Joseph Gauci u Charles Grech bħala amministraturi tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejniethom u r-rispettivi nisa tagħhom u b'hekk ikkonfermat is-sentenza appellata u (b) laqgħetu kwantu magħmul mill-atturi l-oħrajn Maria Theresa mart Dottor Thomas Demajo, l-istess Dottor Thomas Demajo bħala amministratur tal-komunjoni, Mark Zammit, Dorothy mart l-Avukat Dottor Richard Galea Debono, l-istess Dottor Galea Debono bħala amministratur tal-komunjoni, Anna xebba Zammit, l-Avukat Marcel Zammit, Dr. Anthony Zammit u Robert Zammit, fir-rigward tat-tliet talbiet tagħhom u ppreffiġġiet terminu ta' tliet (3) xhur li fih il-konvenut jiddemolixxi dak li bena illegalment - u nnominat lill-Perit Michael Angelo Refalo biex jissorvelja tali demolizzjoni u (ċ) bl-ispejjeż kemm tal-Prim'Istanza u kif ukoll ta' l-appell jiġu sopportati mill-istess atturi u għar-rigward ta' l-atturi li l-appell tagħhom ġie milqugħ, kwantu għal terz minnhom u kwantu għal żewġ terzi relattivi għall-konvenut";

Wara li elenka l-vari kapi li fil-fehma tieghu jintitolawh ghall-smigh mill-ġdid tal-kawża l-appellat konvenut talab:

"Li s-sentenza appellata fl-ismijiet **Maria Gauci** ***et vs*** **Carmelo Busuttil** mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Awissu, 1992 tiġi mħassra a tenur ta' l-artikolu 811 (ċ) (e) (j) (k) u (l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta u li għar-raġunijiet fuq imsemmija tiġi ordnata r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawża skond il-liġi. Bl-ispejjeż" (Is-sottlinejar hu ta' din il-Qorti);

L-appellanti ritrattati fir-risposta tagħhom qajmu diversi oġġezzjonijiet ta' natura proċedurali li fil-fehma tagħhom, b'mod partikolari l-aħħar tnejn, jimportaw in-nullità tal-proċeduri. Oġġezzjonijiet li fil-verità huma ta' faċli spedizzjoni u għandhom jiġu sommarjament trattati fl-ordni li tqajmu;

*Omissis*;

In linea preliminari ukoll ir-ritrattati jeċċepixxu "in-nullità ta' l-istess ritrattazzjoni billi ma hemmx mitluba t-tħassir u r-reviżjoni tas-sentenza ritrattanda separatament kif trid il-liġi". Din l-eċċezzjoni setgħa jkollha sustanza jekk il-petizzjoni ma kinitx tissodisfa r-rekwiżit ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12 li jistipula li kawża deċiża b'sentenza fi grad ta' appell tista' fuq talba ta' xi parti interessata tiġi ritrattata wara "li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza". Dan l-inċiż dejjem ġie rigorożament interpretat *illi* fil-proċedura tas-smigħ mill-ġdid tal-kawża *jinħtieġu* żewġ stadji. L-ewwel li titneħħa u titħassar is-sentenza ta' qabel (*in rescindente*); wara, li jsir is-smigħ mill-ġdid (*in rescissorio*). F'materja ta' ritrattazzjoni, it-talba għar-revoka tas-sentenza impunjata hija assolutament neċessarja u għalhekk l-iskrittura li biha tintalab ir-ritrattazzjoni imma li ma jkunx fiha ukoll it-talba biex tiġi revokata s-sentenza impunjata hija nulla.

Fuq dan il-ġurisprudenza hi kostanti u konkordi (ara fost oħrajn Vol. XXIX, pt. II, p. 281, Vol. XXXIII, pt. I, p. 754, Vol. XXI, pt. II, p. 117, **Salvatore Spiteri *vs* Onorevoli Prim Ministru** deċiża mill-appell fl-4 ta' Ġunju, 1979 u oħrajn aktar riċenti). Din il-ġurisprudenza infatti mhijiex biss interpretazzjoni ġusta ta' l-artikolu 811 imma ukoll konsegwenza naturali u neċessarja tas-subinċiż 2 ta' l-artikolu 820 li jesiġi illi "fuq talba għar-ritrattazzjoni għandha dejjem tingħata sentenza separata". Hu ovvju u inkonċepibbli li l-Qorti ma tistax tagħti sentenza sakemm ma jkunx hemm talba *ad hoc*;

Mill-banda l-oħra minn eżami ta' l-aħħar paragrafu tal-petizzjoni għar-ritrattazzjoni fuq appożitament riportat ma jidhirx li jista' jkun hemm wisq dubbju illi r-ritrattand qed jitlob kemm it-tħassir tas-sentenza impunjata kif ukoll li tiġi ordnata r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawża li fiha ingħatat dik is-sentenza. Iż-żewġ talbiet - anke jekk kontenuti f'paragrafu uniku - huma faċilment identifikati u identifikabbli b'mod li hu pjenament sodisfatt r-rekwiżit ta' l-artikolu 811 u jippermettu li l-Qorti tinvesti kemm l-istadju *in rescessorio* kif ukoll dak *in rescindente*. Imkien fil-liġi ma hemm dispost illi ż-żewġ talbiet kellhom isiru "separatament" fis-sens li jkunu kontenuti f'talbiet f'paragrafi distinti, numerati jew b'xi mod ieħor preċiżati. Li hu mportanti hu li t-talba għar-revoka ssir b'mod ċar u speċifiku li tkun tesiġi sentenza mill-Qorti. Dan ir-rekwiżit, it-talba tar-ritrattand kif dedotta, tissodisfah pjenament. L-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk miċħuda;

In linea preliminari ukoll ir-ritrattandi eċċepew in-nullità ta' l-istess ritrattazzjoni billi l-okkju ta' ritrattazzjoni jinsab imniżżel ħażin u għandu jiġi invertit. Din l-eċċezzjoni hi ukoll teknikament korretta anke jekk bl-ebda mod ma timporta n-nullità tal-proċeduri. L-okkju tal-kawża hu wieħed mill-elementi prinċipali kif tiġi identifikata l-istess kawża u l-atti tagħha. Għandu allura jibqa' dejjem u konstantement l-istess u

għandu dejjem juri l-atturi li qed jipproċedu kontra l-konvenuti li qegħdin jiddefendu. Dana aktar bi prattika u għal prattiċità milli b'liġi jew b'xi disposizzjoni espressa. F'kull każ il-Qorti fi grad ta' appell tista' tordna jew tippermetti f'kull żmien sas-sentenza li jissewwa kull żball fir-rikors (li llum issostitwixxa l-*petizzjoni*) anke "fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha huma jidhru". U jekk il-Qorti tista' tikkoreġi l-isem tal-parti *multo magis* tista' tikkorreġi l-ordni kif jidher l-isem fl-okkju. Ordni li fl-aħħar mill-aħħar ma jidhirx li hu stabbilit statutorjament. Ukoll bl-applikazzjoni tas-subinċiż 2 ta' l-artikolu 175 il-Qorti qiegħda allura tordna li ssir din il-korrezzjoni fir-rikors promotur tar-ritrattazzjoni billi jiġi nvertit l-okkju biex ikun jaqbel ma' dak tal-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni;

Il-Qorti tgħaddi issa biex teżamina l-aggravji tar-ritrattand li skond huwa jintitolawh għal smigħ mill-ġdid tal-kawża. Dana fl-istadju *in rescindente*. Sejra teżamina l-aggravji wieħed wara l-ieħor fl-ordni li ngħataw billi wara li tirreġistra l-ilment ta' ritrattand tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fuq. L-ilmenti huma bbażati fuq is-subinċiżi (ċ), (e), (j), (k) u (l) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12;

Ir-ritrattand jinsisti illi hemm lok għal smigħ mill-ġdid fuq dan is-subinċiż għaliex:

"uħud mill-atturi u ċjoè l-atturi Mark, Dorothy Galea Debono, Dottor Marcel, Anna xebba, Dottor Anthony u Robert, aħwa Zammit, oltre għall-atturi li l-appell tagħhom kien ġie miċħud ma kinux il-persuni leġittimi biex jistitwixxu l-proċeduri kontra tiegħu, billi dawn kienu iddisponew minn kull jedd lilhom spettanti mill-imsemmi korp ta' appartamenti ferm qabel ma ġiet istitwita l-kawża kontra tiegħu";

Is-subinċiż (ċ) ta' l-artikolu 811 jippermetti illi tista' tiġi milqugħa talba għar-ritrattazzjoni "jekk waħda mill-partijiet ma tkunx persuna leġittima kemm-il darba ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża *l-eċċezzjoni* ta' l-illeġittimità". L-artikolu 780 jipprovdi li l-eċċezzjoni dwar il-leġittimità ta' l-attur jew tal-konvenut tista' tingħata meta l-wieħed jew l-ieħor "huma inkapaċi skond il-liġi biex joqgħod f'kawża inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħaddieħor mingħajr ma jkun awtorizzat skond il-liġi għaldaqshekk". L-artikolu 781 jiddefinixxi min *mhux* kapaċi biex joqgħod f'kawża bħala attur jew *konvenut u dana* huwa l-minuri, ħlief fil-persuna tal-ġenitur *li* jeżerċita l-patria potestà jew tutur jew kuratur tiegħu u l-persuni furjużi jew moħħhom marid u kull persuna oħra li ma jkollhiex l-eżerċiżżju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-kawża, ħlief fil-persuna ta' dak *li* skond il-liġi jkollu f'idejh dik l-amministrazzjoni jew ta' kuratur *ad litem*. L-eċċezzjoni ta' illeġittimità ta' l-attur hi allura marbuta ma' l-inkapaċità tiegħu *li* jaġixxi fis-sens strettament ġuridiku u hi eċċezzjoni *għal* kollox differenti minn dik mogħtija mir-ritrattand f'dan l-istadju, illi uħud mill-atturi mhumiex il-leġittimi kontradittiuri tiegħu f'din il-kawża jew li uħud mill-atturi ma kellhomx interess ġuridiku li jintavolaw l-azzjoni. Dana billi kif minnu allegat huma kienu iddisponew il-proprjetà tagħhom favur terzi. Issa filwaqt li hu veru u minnu illi "*la eccezione di illegittimità di persona puo essere data in qualqune stadio del procedimento*" u "*essa è di tale natura di rendere nulli tutti gli atti giudizziari ... puo essere data in seconda istanza e sarà attesa, quantunque la sentenza di prima istanza sia sostanzialmente giusta e dà adito alla ritrattazione*" (Vol. XXI, pt. I, p. 388) mhux l-istess jista' jingħad għall-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku jew li parti ma kinitx il-leġittimu kontradittur;

*Omissis*;

Dan l-aggravju qed jiġi għalhekk miċħud;

Ir-ritrattand isostni ukoll li għandu dritt għal smigħ xieraq taħt dan is-subinċiż għaliex:

"Is-sentenza msemmija applikat il-liġi ħażin: il-kuntratt ta' diviżjoni in kwistjoni, li skond l-artikolu 992 (1) tal-Kodiċi Ċivili, għandu s-saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluh, kien jgħid b'mod ċar, b'riferenza għad-deskrizzjoni tal-blokk mertu tal-każ, li l-beni li kien qiegħed jiġi diviż kien "il-korp ta' erba' appartamenti li jismu "Melita Flats" li qiegħed numru mija u sebgħa u tletin (137), Triq it-Torri, tas-Sliema, bl-arja rispettiva tiegħu, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' mija u ħamsin lira Maltija (Lm150)". Ma saret l-ebda kwalifika dwar il-qies ta' l-arja kompriża. Skond l-artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili, meta l-kliem ta' konvenzjoni huwa ċar, m'hemmx lok għal interpretazzjoni. *Din* il-Qorti, għalhekk, meta għaddiet biex *tinterpreta* x'seta' kellu f'moħħu n-Nutar biex tifhem is-sens ta' dak li kiteb, bir-rispett kollu, kisret id-disposizzjonijiet ta' dan l-aħħar imsemmi artikolu tal-liġi";

F'dan is-subinċiż jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi fil-każ biss li d-deċiżjoni - meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata - ma tkunx skond il-liġi basta il-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni;

Hu ormai paċifiku illi biex il-Qorti tiddeċidi jekk ikunx hemm jew *le* applikazzjoni ħażina tal-liġi għal fini ta' ritrattazzjoni ma għandhomx jerġgħu jiġu eżaminati u valutati l-fatti tal-kawża u ma jistgħux dawn jerġgħu jkunu nterpretati:

"*Per vedere se vi sia male applicazione di legge deve prendersi per unica base il fatto come stabbilita della Corte*

*nelle sentenza impuniata*" (Vol. XXVII, pt. I, p. 433);

Hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi fit-termini ta' dan is-*subinċiż* mhux meta jkun hemm interpretazzjoni ħażina tal-liġi applikabbli għall-fatti imma biss meta ma tkunx ġiet applikata l-liġi ġusta għal dawk il-fatti;

"L-ipotesi ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi tikkonkreta ruħha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta tal-liġi, espressa u *ċara*, u *mhux* suġġetta għal interpretazzjoni, razzjonċinji jew argumenti" (Vol. XLII, pt. I, p. 227, Vol. VII, pt. 526, ara ukoll sentenzi oħra riċenti bħal **Dorothy Xuereb** *vs* **George Xuereb** deċiża minn din il-Qorti fl-20 ta' Jannar, 1992 u **Micallef** *vs* **Pavia** deċiża ukoll minn din il-Qorti fit-8 ta' Novembru, 1993);

Issa hu ovvju mis-sottomissjoni tar-ritrattand illi hu qiegħed jilmenta mill-interpretazzjoni li din il-Qorti tat lid-diċitura tal-kuntratt tad-diviżjoni fir-rigward ta' l-arja kontestata. Ir-ritrattand jissottometti illi dak li għalih kien ċar u ma jirrikjedi u anzi ma jippermettix skond il-liġi interpretazzjoni, ma kienx hekk ċar għal din il-Qorti tant li għamlet - dejjem skond ir-ritrattand - eżerċizzju ta' interpretazzjoni tal-volontà tal-kontraenti. Eżerċizzju li skond hu kien jikser id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili li jimponi r-regola illi meta l-kliem tal-konvenzjoni "huwa ċar ma hemmx lok għall-interpretazzjoni". Fi kliem ieħor ir-ritrattand qiegħed jilmenta illi din il-Qorti applikat ir-regoli ta' l-interpretazzjoni tal-kuntratti kif enunċjati fil-liġi ħażin. Mhux li ma applikathomx jew li kien messha applikat xi liġi oħra li kienet applikabbli. Anzi minn qari tas-sentenza impunjata hu aktar minn ovvju li din il-Qorti għamlet analiżi dettaljata tal-kuntratt ta' diviżjoni u applikat għalih proprju ir-regoli kollha indikati mir-ritrattand u kien wara dan li hi waslet għall-konvinċiment li kien il-każ li tinterpreta d-

disposizzjonijiet tiegħu bil-mod kif effettivament interpretathom;

Dan l-aggravju hu għalhekk insostenibbli fil-liġi;

Ir-ritrattand jadduċi ukoll motiv għal smigħ mill-ġdid a bażi tas-subinċiż (i) ta' l-artikolu 811. Dan għaliex:

"Filwaqt li din il-Qorti qalet li "... l-appellanti ma jistgħux jippretendu li din il-Qorti tidħol fi kwistjonijiet ta' interpretazzjoni jew ta' x'kellhom f'rashom il-kontraenti meta ikkontrattaw jekk il-kliem ta' l-att huma ċari ...", imbagħad għaddiet biex tgħid li d-diċitura użata fl-att ta' diviżjoni mertu tal-kawża kien jeħtiġilha li tfissru lil hinn minn dak li jidher mill-istess att. Din il-kontradizzjoni tidher b'mod aċċentwat f'dik il-parti tas-sentenza li tgħid li "jidher però, li mid-diċitura adoperata, illi n-Nutar bl-użu tal-kliem l-arja tal-flat u bir-riferenza għat-tlettax il-filata, anke jekk dan ma jirriżultax ċar mill-kliem użat, kien qed jindika li din l-arja kienet ser tikkonsisti fi tlettax-il filata 'l fuq mill-bejt ta' dak li kellu jkun il-ħames sular". Bir-rispett kollu, din l-interpretazzjoni apparti li ma tirriżultax lanqas mill-provi mressqa u mid-disposizzjoni ta' l-istess Nutar li rrediġa l-att, tikkonfliġġi dijametrikament mad-deskrizzjoni tal-fond li teżisti fl-istess kuntratt, u msemmija aktar 'il fuq taħt il-paragrafu preċedenti, dwar l-artikolu 811 (e). Dan qiegħed jingħad ukoll għall-finijiet tal-Kodiċi Ċivili";

Is-subinċiż (i) jippermetti smigħ mill-ġdid fil-każ fejn "fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin". Kif sew sottomess mir-ritrattati fir-risposta tagħhom il-kontradizzjoni trid tirrizulta però <u>fid-disposittiv</u> tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, anke jekk dawn ta' l-aħħar jistgħu jkunu rilevanti biex jitfgħu dawl u jidentifikaw tali kontradizzjoni. Il-

kontradizzjoni trid tkun tax-xorta li tippreġudika l-esekuzzjoni tas-sentenza in kwantu toffuska d-deċiżjoni tal-Qorti. Hu proprju għalhekk li kien ġie ritenut illi dan is-subinċiż ma setgħax ikollu applikazzjoni fejn is-sentenza kienet tikkontjeni dispositiv wieħed;

"*Per dirsi che un medesimo giudicato rachiude disposizioni contrarie è mestieri che le disposizioni si distruggono reciprocamente nel modo che non possano tutte eseguirsi*" (Vo. VII, p. 529);

"*La contradizione non si deve ritrovare fra le dichiarazioni emesse nella sentenza e il fatto risultante nel processo, ma fra le diverse dichariazioni contenute nella sentenza stessa, essa cioè non si ha da ritrovare nei motivi della sentenza ma la contradizione per fornire motivo di ritrattazione deve ritrovarsi nel dispositivo, poiche quando vi e siffatta contradizione manca la base della sentenza stessa cioè la certezza del gudicato*" (Vol. XXV, pt. I, p. 137, Vol. XXIX, pt. I, p. 795, Vol. XLIII, pt. I, p. 364 u **Ferro *vs* Housing Secretary** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Frar, 1977);

Issa fil-każ taħt eżami tali inċertezza fil-ġudikat tas-sentenza impunjata ma tirriżultax. Għal kuntrarju qari akkurat tagħha u tal-konsiderazzjonijiet ma jistax ma jwasslux bi kjarezza u loġiċità għall-konklużjoni li waslet għaliha din il-Qorti. Decide li mhux biss hi marbuta mal-konsiderandi imma li ċertament ma tikkontjeni fiha l-ebda kontradizzjoni. Taqbel u ma taqbilx magħha. Infatti l-kontradizzjoni li pprova jippeska fil-konsiderandi r-ritrattand mhux biss hi riċerkata u sempliċement apparenti imma ma tirriżultax mill-korp tas-sentenza. Ir-ritrattand infatti jikkonfondi dik li hi enunċjazzjoni tal-prinċipju ta' dritt li l-Qorti ma għandhiex tinterpreta dak li

fl-atti pubbliċi hu espress b'diċitura ċara, ma' l-applikazzjoni ta' dak il-prinċipju fil-każ li l-Qorti kienet qed tikkunsidra. Każ li fih ovvjament u ripetutament wasslet għall-konvinċiment illi d-diċitura ma kinitx ċara u kienet teħtieġ interpretazzjoni. Hekk per eżempju;

*Omissis*;

F'dan l-aggravju r-ritrattand qiegħed fil-verità jittanta trattazzjoni mill-ġdid tal-mertu ta' l-appell. Jikkontjeni infatti sottomissjonijiet li kienu fil-qalba tat-trattazzjoni li diġà saret quddiem din il-Qorti u r-ritrattand qiegħed jikkontesta l-interpretazzjoni awtorevoli li tat din il-Qorti tal-kuntratt li jiregola d-drittijiet bejn il-kontendenti f'sentenza li għaddiet in ġudikat;

"Ma jistax jiġi permess li taħt il-pretest tar-ritrattazzjoni l-litigant sokkombenti jerġa' jiftaħ il-kawża u b'hekk jiġi indirettament krejat Tribunal tat-Tielet Istanza" (Vol. XLII, pt. I, p. 226);

Dan hu proprju dak li qed jipprova jagħmel ir-ritrattand meta f'dan l-aggravju ma jagħmel xejn ħlief kritika tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata u ta' kif il-Qorti applikat fil-fehma tiegħu ħażin ir-regoli ta' l-interpretazzjoni tal-kuntratti enunċjati fl-artikolu 1002 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. Eżerċizzju ta' reviżjoni li l-liġi ma tippermettix;

Dan l-aggravju qed jiġi ukoll *miċħud*;

Ir-ritrattand javvanza ukoll raġuni oħra għal ritrattazzjoni taħt is-subinċiż (k) ta' l-artikolu 811 fis-sens li hu:

"Sar jaf b'kuntratti li uhud mill-atturi appellanti kienu ghamlu (wara li kienet saret id-diviżjoni u qabel ma bdiet il-kawża) li bihom, anke kieku kellu jiġi akkolt il-prinċipju kontenut fis-sentenza ta' din il-Qorti dwar ir-riserva ta' xi sehem talvolta spettanti lilhom mill-arja sovrastanti s-sitt appartament, ghandu jirriżulta li huma m'ghandhom l-ebda jedd iżjed bhal dan. Dan il-kap qieghed jiġi sottomess in konnessjoni ma' l-aggravju ta' l-esponenti, taht l-artikolu 811 (ċ) ġà msemmi dwar il-karenza ta' interess ta' uhud mill-atturi appellanti u l-konsegwenti nuqqas ta' integrità ta' ġudizzju";

Dan is-subinċiż jaghti lok ghal smigh ġdid jekk <u>wara s-sentenza</u> "ikun instab dokument deċiżiv li l-parti li ġġibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-liġi ma setghetx iġġibu qabel dik is-sentenza":

"Min jitlob ritrattazzjoni ghal motiv li jkun sab xi dokument deċiżiv wara s-sentenza jehtieġ li jipprova mhux biss li ma jkunx jaf bl-eżistenza ta' dan id-dokument imma ukoll illi uża l-hila tieghu kollha jew ghall-inqas id-diliġenza ta' *bonus pater familias* biex isir jaf bih u jġibu 'l quddiem meta kien imissu" (Vol. XXIX, pt. I, p. 645) (Vol. XXXIII, pt. I, p. 703);

Mhux biżżejjed allura li jiġi ppruvat li r-ritrattand kien fl-imposibbilità li jipproduċi d-dokument. Irid ukoll jissodisfa lill-Qorti li hu kien ipprova jakkwistah bil-mezzi kollha a disposizzjoni tieghu;

Dan l-aggravju hu allaċċjat ma' l-ilment taht is-subinċiż (ċ) ta' dan l-artikolu li diġà ġie kkunsidrat. Il-konsiderazzjonijiet hemm maghmul japplikaw *mutatis mutandis* ghall-ilment taht dan is-subinċiż u l-Qorti ma jidhrilhix li ghandha ghalfejn tiddilunga oltre dwaru. Dana apparti l-konsiderazzjoni jekk ir-ritrattand kellux l-opportunità u l-mezzi

li tagħtih il-liġi li jipproduċi dawn id-dokumenti fit-trattazzjoni tal-kawża billi jagħmel id-debita riċerka. F'kull każ il-kontenut tad-dokumenti, kuntratti pubbliċi minnu bil-permess ta' din il-Qorti prodotti, ma jiġġjovawx it-teżi tar-ritrattand;

Anke dan l-aggravju qed jiġi respint;

Finalment ir-ritrattand javanza ukoll motiv għal smigħ mill-ġdid taħt is-subinċiż (1) ta' l-artikolu 811 billi jsostni li s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti:

"Dan qiegħed isir b'riferenza għall-parti dispositttiva tas-sentenza li tirrigwarda lill-attriċi appellanti Maria Gauci. Jidher ċar mill-okkju oriġinali tal-kawża li l-attriċi Maria Gauci hija armla minn Joseph Gauci. Is-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-4 ta' Awissu, 1992, tiċħad l-appell ta' Maria mart Joseph Gauci u ta' l-istess Joseph Gauci bħala amministratur tal-komunjoni";

Dan l-aggravju hu ovvjament insostenibbli. Biżżejjed tiġi riprodotta r-risposta tar-ritrattata għal dan l-ilment:

"Dwar il-kwistjoni imqajjma taħt l-artikolu 811 (l) huwa ferm evidenti li ma jistax jingħad li s-sentenza kienet l-efftet ta' żball. Il-fatt li jista' kien hemm żball fl-okkju tas-sentenza u ċjoè li l-Qorti bi żvista insiet li Joseph Gauci kien mejjet huwa irrelevanti għad-deċiżjoni *ut sic*. Inoltre irid jiġi ukoll sottomess li dina Maria armla minn Joseph Gauci kienet baqgħet sokkombenti fl-appell u għalhekk ma għandha l-ebda interess f'dina r-ritrattazzjoni. Għalhekk anke għal din ir-raġuni ma jista' jingħad li s-sentenza ritrattanda hija affetta b'xi żball kif qiegħed jippretendi l-istess Carmelo Busuttil";

Mhux meħtieġa elaborazzjoni ulterjuri. Jingħad biss illi l-fatt li r-raġel ta' Maria Gauci, Joseph miet qabel ġiet

ippreżentata l-kawża u allura martu saret armla, bl-ebda mod ma jfisser li Maria Gauci ma baqgħetx martu. Mill-banda l-oħra l-fatt li s-sentenza impunjata ingħatat ukoll fil-konfront tal-mejjet żewġha bħala amministratur tal-komunjoni ta' l-akkwisti li allura kienet ġiet ġà xolta hu biss dettal żejjed, anke jekk żbaljat, li però bl-ebda mod ma jaffettwa l-eżitu tal-kawża, il-mertu tagħha jew l-esegwibilità tagħha;

*"L'errore di fatto bisogna che sia un errore materiale, intuitivo, risultante del semplice confronto delle dichiarazioni della sentenza cogli atti e documenti"*;

*"L'errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casualita con la decisione"* (Vol. XXIX, pt. I, p. 609);

L-iżball "jeħtieġ li jkun manifest u li jkun iddetermina d-deċiżjoni i.e. li s-sentenza vvizzjata b'dak l-iżball ma tistax tiġi sanata minn xi raġunamenti oħra indipendenti minn dik żbaljata" (Vol. XXXVIII, pt. I, p. 325);

L-iżball allegat mir-ritrattand bl-ebda mod ma jista' jinkwadra ruħu f'dawn ir-rekwiżiti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talba tar-ritrattand għal smigħ mill-ġdid tal-kawża għar-raġunijiet minnu dedotti bl-ispejjeż kontra tiegħu.